MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 1221/2007

**Joseph Chetcuti,**
**kif ukoll wliedu Thea Chetcuti u**
**Daniel Chetcuti**
**-vs-**
**Clifton Portelli**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors guramentat** ta' Joseph Chetcuti et li permezz tieghu esponew u kkonfermaw:

Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi tal-5 ta' Dicembru 2005 l-intimat akkwista l-post b'titolu ta' donazzjoni minghand in-nanniet tieghu, cioe' l-appartament numru sitta (6) Edelweiss Flats, 28 Triq Karm Zerafa, Birkirkara u garage numru 30 Triq Karm Zerafa, Birkirkara;

Peress illi meta sar dan il-kuntratt l-intimat ma kellux flus bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb ghall-ispejjez relativi u effettivament ir-rikorrenti vversa s-somma ta’ Lm4,750 rapprezentanti t-taxxa fuq id-dokumenti mputabbli ghall-istess trasferiment u Lm553 relattiv ghad-drittijiet u spejjez notarili ghall-istess kuntratt li komplessivament igibu s-somma ta’ Lm5,303;

Peress illi permezz ta’ ittra ufficjali tas-17 ta’ Mejju 2007 il-konvenut interpellat sabiex ihallas tali ammont baqa’ inadempjenti;

Peress illi inoltre, permezz ta’ ittra maghmula a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 fl-24 ta’ Awissu 2007, l-intimat ghal darba ohra nterpellat biex ihallas tali ammont, ikkontesta tali pretensjoni tar-rikorrenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Peress illi l-ammont fuq imsemmi ghadu dovut;

Ghaldaqstant ighid l-intimat ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tikkundannah sabiex ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ Lm5,303 bl-interessi b’effett mis-17 ta’ Mejju 2007 sad-data ta’ pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-imsemmija zewg ittri ufficjali kontra l-intimati li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta guramentata ta’ Clifton Portelli** a fol. 30-31 tal-process li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-ammont mitlub mir-rikorrenti mhuwiex dovut, u l-pretensjoni taghhom hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dana stante li l-ammont reklamat mill-intimati gie moghti bhala donazzjoni lill-intimat u lir-rikorrenti Thea Chetcuti mill-genituri ta’ l-istess Thea Chetcuti, u cioe’ r-rikorrenti Joseph Chetcuti u Pauline Chetcuti, in vista ta’ l-gherusija ta’ l-intimat u r-rikorrenti Thea Chetcuti u fid-dawl tal-fatt li da parti tieghu l-intimat kien diga’ hareg xi flus fl-interess tieghu u tar-rikorrenti Thea Chetcuti, u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt is-smigh ta’ dina l-kawza;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Mariella Mizzi tal-hamsa (5) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hamsa (2005), kopja ta' liema giet ipprezentata mir-rikorrenti mar-rikors guramentat taghhom bhala 'Dok. D', jirrifletti b'mod ampju illi d-donazzjoni tal-proprjeta' li ghaliha ssir referenza fir-rikors guramentat, kienet tifforma parti minn transazzjoni aktar wiesa' li saret fl-interess ta' l-intimat u tar-rikorrenti Thea Chetcuti bil-ghan illi jkunu jistghu jottjenu self minn bank kummercjali ghall-finanzjament tad-dar matrimonjali prospettiva taghhom, u dan kif ser jigi ppruvat ampjament waqt is-smigh ta' dina l-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku l-ammont reklamat mir-rikorrenti huwa fil-fatt dovut, l-intimat huwa responsabbli biss ghal nofs l-ammont mitlub peress illi kif gie spjegat aktar 'l fuq, l-imsemmi ammont kien inghadda mir-rikorrent Joseph Chetcuti u martu Pauline Chetcuti lil binthom ir-rikorrenti Thea Chetcuti u lill-intimat u dan ghar-ragunijiet spjegati aktar 'l fuq;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw.

F'dina l-kawza r-rikorrenti qed jitlobu is-somma ta' Lm5,303 self li sar lill-intimat biex ihallas it-taxxa u l-ispejjez tan-Nutar fuq kuntratt ta' donazzjoni.

L-intimat wiegeb li dawn il-flus mhux dovuti billi dawn kienu gew moghtija bhala donazzjoni lilu u lill-gharusa tieghu Thea Chetcuti in vista ta' l-gherusija taghhom.

**Provi**

In-Nutar Mariella Mizzi xehdet li hija kienet irredigiet il-kuntratt in kwistjoni u kienet harget kont wiehed ta' Lm1,107.45c ghal-kuntratt donazzjoni, self u bejgh

f'daqqa u l-ammont thallas b'cheque minn Pauline Chetcuti, omm Thea.

Thea Chetcuti xehdet li l-flus li hareg l-intimat (cjoe Lm4,150 fuq il-post tal-Mosta) ma kienux xi forma ta' pagament ghall-ispejjez li hallas missierha li hareg meta sar il-kuntratt ta' donazzjoni (dwar il-post ta' Birkirkara). Il-flus li hareg missierha kienu a vantagg biss ta' Clifton billi l-post inghata b'donazzjoni lill-Clifton wahdu. Il-flus li hareg missierha lill Clifton (fuq il-post ta' Birkirkara) ma kienux donazzjoni izda self u dejjem kienu intizi li jithallsu lura. Fuq kontro-ezami wiegbet li l-flus isselfu minhabba l-gherusija u kellhom jithallsu lura meta jkollhom finanzi bizzejjed. Is-somma ta' Lm5,303 intuzat esklussivament minn Clifton Portelli biex jakkwista d-donazzjoni minghand in-nanniet.

Joseph Chetcuti, missier Thea, xehed li bhal ma ghamel fil-kaz ta' ibnu l-iehor, hu u l-mara kienu fthemu li jghinu lill Thea u lill-intimat billi jisilfuhom Lm12,000 biex jixtru post il-Mosta. Sebat elef hargu fuq il-post tal-Mosta u hamest elf fuq id-donazzjoni tal-post ta' Birkirkara. Il-kawza qed issir fuq il-flus li hu hareg fuq il-kuntratt ta' donazzjoni li saret lill intimat min-nanniet tieghu u mhux fuq il-kuntratt li bih xtraw il-maisonette "Blue Mist", Mosta. Meta sar il-konvenju fuq il-maisonette, Blue Mist, l-intimat ma kellux cheque book, ghalhekk l-intimat tah ammont ta' flus kontanti biex hu jirrimpjazzahom b'cheque. L-intimat tah Lm2,100, Lm2,050 u Lm300 u hu hallas Lm4,000 lil Michael Catania u Lm440 lin-Nutar Mariella Mizzi u Lm53 lill Perit Fenech Vella.

Fuq kontroezami wiegeb li hu kien silef il-flus lill-intimat biex dana jkun jista' jaghmel il-kuntratt fuq il-post "Blue Mist" pero' silifhomlu bil-kundizzjoni li meta jkun hemm flus *available* jergghu jhallsuh lura. L-intenzjoni kienet implicita. Ikkonferma li l-flus li silef lit-tifla hi ghada ma taghthomlux lura.

L-intimat Clifton Portelli xehed li n-nanniet kienu ghamlu l-garanzija u tawh donazzjoni post. Fil-post li xtara ma' Thea hu kien ghamel l-ispejjez u baqa' jhallas il-loan mal-

bank anke meta Thea Chetcuti waqfet. Ighid li kien biss wara li thassret l-gherusija li r-rikorrent beda jitolbu lura l-flus Jispjega li l-flus li hareg Joseph Chetcuti kienu s-sehem tieghu u ta' martu biex ighinu lilu u lil Thea jiehdu s-self u jakkwistaw il-post. In-nanniet minn naha taghhom kienu ghamlu garanzija kemm lilu kif ukoll lill Thea u ghadhom garanti sallum avvolja Thea, wara li thassret l-gherusija, ma baqghetx thallas il-loan. Jaghlaq billi jghid li kull flus li nghata minn Chetcuti kienu ghalih u ghal Thea flimkien u qatt ma ssemmiet xi kundizzjoni jew li dawn il-flus kienu mislufa.

Emmanuel Portelli, in-nannu ta' l-intimat, xehed li l-ftehim kien li hu u martu jaghmlu garanzija bil-proprjeta' taghhom, mentri l-genturi ta' Thea jaghtuhom il-flus li kellhom bzonn. Ighid li qatt ma ssemmew kondizzjonijiet. Il-ftehim kien li dak li jaghtuhom, kemm hu u l-mara u kemm Joseph Chetcuti u l-mara tieghu, kienu qed jaghtuh bla ebda patt li jithallas xi haga lura minn Clifton jew Thea. Kienu ghamlu sagrificcju z-zewg nahat, u tawhom dak li setghu biex ikunu jistghu jiehdu s-self mill-bank. Wara li thassret l-gherusija, ir-rikorrent rega lura mill-ftehim u beda jitlob lura l-flus li kien ta lil Clifton u lil Thea, minghand Clifton biss. Hu u martu ghadhom garanti ta' Thea sal lum. Rega kkonferma in kontroezami li r-rikorrent kien qallu li l-flus kien ser jaghtuhomlhom u mhux jisilfuhomlhom.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-kwistjoni kollha f'dina l-kawza hija jekk is-somma mitluba mir-rikorrenti kienitx self jew inkellha kienitx parti mill-ghajnuna li genituri ta' Thea kellhom jaghtu in vista ta' l-gherusija tat-tifla taghhom.

Ir-rikorrent Joseph Chetcuti jsostni bhal ma ghamel ma' ibnu l-iehor ghamel ma' Thea u silifha Lm12,000. Parti minn dawn il-flus marru fuq il-post tal-Mosta u parti fuq il-post li l-intimat inghata b'donazzjoni. Meta l-intimat gie biex ghamel il-kuntratt ta' donazzjoni dan ma kellux il-flus biex ihallas it-taxxa dovuta u d-drittijiet tan-Nutar ghalhekk sar dan il-self lill-intimat li kellu jihallas lura meta jkollhom il-flus. Dina d-donazzjoni, skond ir-rikorrent, ma kienitx

tibbenefika lil bintu Thea billi l-post kien ta' l-intimat wahdu.

Minn naha l-ohra l-intimat jirritjeni li dawk il-flus kienu s-sehem li kellhom johorgu l-genituri ta' l-gharusa tieghu Thea, in vista ta' l-gherusija taghhom, u n-nanniet tieghu kellhom, bhala sehemhom ghamlulhom garanzija. Id-donazzjoni saret min-nanniet tieghu biex hu u Thea jkunu jistghu jottjenu s-self mill-bank fuq il-post li riedu jixtru. Kieku ma saritx id-donazzjoni huma ma kienx ikollhom garanzija bizzejjed biex jottjenu s-self mill-bank, ghalhekk, skond hu, Thea bbenefikat ukoll.

Mill-provi prodotti, fil-fehma tal-Qorti, il-ftehim bejn il-partijiet kien kif xehdu r-rikorrenti u cjoe li r-rikorrent Joseph  Chetcuti u martu jghinu finanzjarjament lill-Thea u lill-intimat mentri n-nanniet ta' l-intimat igibu garanzija biex il-bank ikun jista' jaghtihom il-loan. In-nanniet ta' l-intimat ma kienux ser johorgu flus imma  jaghmlu biss garanzija, mentri r-rikorrenti kienu ser johorgu l-flus izda bl-intiza li meta Thea u l-intimat ikunu f'posizzjoni li jhallsu, jibdew iroddu lura l-flus. Parti mill-flus li hargu r-rikorrenti kienu fuq il-post tal-Mosta u parti kienu biex jithallas it-taxxa u l-ispejjez tan-Nutar. Dawn il-flus hargu fl-interess kemm ta' Thea kif ukoll ta' l-intimat. Hu veru li l-post ta' Birkirkara nghata lill-intimat wahdu, izda kieku l-intimat ma gabx dik il-garanzija Thea Chetcuti ma kienitx tottjeni flimkien ma' l-intimat il-loan fuq il-post tal-Mosta. Ghalhekk indirettament Thea bbenefikat ukoll mill-flus li hareg missierha meta sar il-kuntratt ta' donazzjoni. Il-Qorti inoltre tirreleva li dan kien negozju wiehed, fis-sens li kien kuntratt dwar donazzjoni, bejgh u self, ghalhekk ibbenefikaw minnu kemm Thea kif ukoll l-intimat u mhux l- intimat biss. Bhala konsegwenza l-ammont li qed jitlob lura r-rikorrent, hu dovut kemm minn Thea kif ukoll mill-intimat, ghaldaqstant dan ta' l-ahhar ghandu jhallas  lura nofs biss mis-somma mitluba.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tilqa t-talba tar-rikorrenti ghan-nofs is-somma mitluba;

u tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta’ Euro 6,176.34.
Bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------